Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Frar 2017

Merħba! Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Sabiex dawk kollha mġarrbin bit-tbatija speċjalment il-foqra, ir-refuġjati u dawk emarġinati jsibu lil min jilqagħhom u jgħinhom fil-komunitajiet tagħna.**

## Ninġabar:

Insib post fil-kwiet u pożizzjoni komda. Nitlob lil Alla sabiex it-talba tiegħi twassalni biex nifhem ir-realtajiet ta' nies li qegħdin ibatu intortament minħabba l-faqar jew għax huma refuġjati jew għax twarrbu mill-komunità minħabba raġunijiet oħra.

## Fatt ċkejken:



Il-ħolma ta' Finn hija li jkollu karriera fil-mużika. Għaldaqstant iddeċieda li jmur joqgħod f'belt kbira bit-tama li jirnexxilu jibda ħajja ġdida u aħjar 'il bogħod mir-raħal fejn trabba. Iżda xejn ma sabha faċli li jsib impjieg biex ikun jista' jgħix għal rasu. Minn mindu kien tifel kien isibha bi tqila biex jagħmel ħbieb, forsi minħabba li fir-raħal ta' familtu kulħadd kien jaf li missieru kien jixrob u ommu kellha problemi ta' saħħa mentali.

Minkejja li dan iż-żagħżugħ jagħmel ħiltu biex ma jitlifx it-tama li jinsa l-memorji koroh ta' tfulitu, spiss jibża' li ħajtu 'l bogħod mill-inkwiet tal-ġenituri tiegħu mhix ser tkun wisq differenti. Lejla waħda ħaseb li jista' jinsa xi ftit id-dwejjaq tas-solitudni billi jintefa' jixrob xi erba' laned birra ma' xi nies li ltaqa' magħhom fit-triq. Propjament dawn stidnuh jibda jgħix magħhom barra t-triq. Iżda hu ħaseb li din żgur ma kinitx is-soluzzjoni t-tajba għalih. Lejla waħda Finn iddeċieda li jaqbad il-kitarra, imur isib lil sħabu u jintefa' jdoqq fit-triq fil-kumpanija tagħhom. Stagħġeb mhux ftit meta qagħad jisma' l-istorja ta' kif kull wieħed minn dawk in-nies spiċċaw bla saqaf fuq rashom. Dak il-ħin huwa rrealizza li l-problemi tagħhom kien jixbhu ħafna lil tiegħu. Dakinhar beda jbiddel fehmtu...

Meta sebaħ kienu għadu nofsu rieqed fis-sakra fuq il-bankina. Dak il-ħin ħassu abbandunat f'belt umda u kiesħa.

## Naħseb ftit:

Jidher li l-uniku ħbieb li kellu Finn kienu dawn iż-żgħażagħ xurbana li jgħixu fit-triq. Tgħid għaliex?

Naf xi nies li huma foqra, refuġjati jew mwarrba fil-komunità li ngħix fiha jien? Jekk iva, x'tip ta' relazzjoni għandi magħhom? Qed nagħmel sforz biex nipprova nifhimhom aħjar?

Kemm jien verament ġeneruż/a magħhom? Jista' jkun li l-ġenerożità tiegħi tweġġagħhom iktar milli tgħinhom?

Wara li qrajt l-istorja ta' Finn, inbidlet xi ftit il-fehma tiegħi dwar dawn in-nies? Kif?

## Nitlob:

Missier, fakkarni li l-foqra u l-abbandunati huma ħutna fi Kristu. Agħtini qalb li tagħdirhom sabiex inkun nista' nħobbhom daqslikieku kienu ħuti u b'hekk ngħinhom jifhmu u jduqu l-imħabba kbira tiegħek lejna.

## Kliem ta' dawl:

Jekk tibqa' newtrali meta tara l-inġustizzja, tkun qed tagħżel li żżomm ma' min mhux ġust. Jekk iljunfant jirfes denb il-ġurdien u inti tibqa' żżomm pożizzjoni newtrali, il-ġurdien ma tantx ser japprezzak.

*Desmond Tutu*

## X'nista' nagħmel:

Identifika persuna mwarrba mill-komunità li tgħix fiha inti. Sib mezz biex hu/hija tħossha milqugħa fil-komunità. Tbissmhielha u stidinha mqar tixrob tazza kafè miegħek regolarment. Tibżax tidher magħha quddiem l-oħrajn.